**322. Il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi l-Kamra tmur f'kumitat tal-Kamra kollha biex tapprova l-estimi tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-Università ta' Malta għas-sena finanzjarja 1981; kif ukoll il-proposti għall-allokazzjoni tal-mezzi tagħha li tlestew u ġew approvati mill-Kunsill tal-Università, iżda sas-somma ta' £M1,400,000 skont l-estimi, b'dak it-tibdil li joħrog mir-rapport dwarhom tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Ogħla, liema estimi, proposti u rapport jinsabu ġa' mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

20.04.1981